**31 ta' Mejju, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

**Giuseppe Scicluna**

***versus***

**Maria Scicluna pr. et ne.**

## Separazzjoni Personali — Patrija Potestà — Kura tat-Tfal — Emigrazzjoni — Dekadenza.

*Meta l-liġi fil-kostanza taż-żwieġ tinvesti lill-missier bil-poter patern, tagħmlu sabiex fl-unjoni tal-konjuġi ma jsorġux 'il-quddiem kolluzjonijiet li kienu tabiljors u neċessarjament jitnisslu kieku ssanzjonat awtoritajiet ugwali fiż-żewġ konjuġi fuq il-persuni suġġetti għal dik il-funzjoni potestattiva li hija l-maġistratura ewlenija effikaċi l-aktar sagra li titnissel mill-patrija potestà.*

*Iżda l-istess liġi tissorvelja lill-missier fl-eżerċizju ta' din il-potestà, il-għaliex ħafna m'il-attijiet tiegħu jridu jiġu approvati mill-Qorti. U taħseb ukoll, l-istess liġi, illi l-funzjoni ċivili tal-missier tista' tiċċessa, jew bl-ordni tal-Qorti, jew bħala konsegwenza ta' sentenza kriminali in konnessjoni ma' delitti kontra l-ordni tal-familja.*

*Il-kura tat-tfal hija regolata m'il-prinċipju tal-aqwa utilità u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal, li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu.*

*In konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom konsenswalment, sew meta jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament. B'mod illi r-regolament dwar ir-ritenzjoni u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, li bejn'ethom ikun hemm dissensi fil-ħajja matrimonjali, ma tiddependix biss mill-eżerċizzju tal-patrija potestà tal-missier. Jekk il-Qorti tafda t-tfal lill-omm, għax hekk il-każ ikun għall-vantaġġ tagħhom jissuġġerixxi, dan il-fatt ma jkunx jimporta ebda*

*attentat għal dik il-potestà tal-missier fuq id-dixxendenti immedjati tiegħu.*

*Għaldaqstant, jekk il-miżżewġin jinfirdu ġudizzjarjament u l-Qorti tafda l-kura tat-tfal lill-mara, dan ma jfisserx illi r-raġel tilef il-patrija potestà fuq uliedu, u f'kawża li hu wara jagħmel dwar ir-ritenzjoni u trobbija ta' dawk it-tfal, hu ma għandux bżonn jitlob dikjarazzjoni li minħabba dik is-separazzjoni u dak il-provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa ma ddekadiex mill-patrija potestà fuq dawk uliedu. Domanda simili fiċ-ċitazzjoni tiegħu tkun inutili.*

*Lanqas ma hija fondata l-allegazzjoni tal-mara li żewġha tilef dik il-patrija potestà għaliex uliedu ħarġu mid-dar tiegħu u marru jgħixu għal rashom; din l-allegazzjoni tkun f'lokha jekk it-tfal li jkunu ħarġu mid-dar tal-missier ikunu, għal-kemm suġġetti għall-patrija potestà tiegħu, kapaċi jaqilgħu l-għajxien tagħhom bil-ħila tagħhom.*

*Jekk però ir-raġel jiġi kundannat minn Qorti Kriminali għal korruzzjoni fuq waħda minn uliedu, huwa jiddekadi mill-patrija potestà; għax b'dik il-pronunzja esplikat ruħha ċ-ċessazzjoni ġuridika tad-drittijiet li kellu għall-kura, edukazzjoni u amministrazzjoni tas-sustanzi ta' dik l-istess bintu. Imma din id-dekadenza ma testendix ruħha wkoll għat-tfal l-oħra.*

*Konsegwentement, jekk il-mara tkun trid temigra b'uliedha, u r-raġel ikun oppost li uliedu jmorru ma' ommhom billi huwa għad għandu l-patrija potestà fuq dawk uliedu, mhix raġuni tajba għall-oppożizzjoni tiegħu dik li huwa kien kundannat kif fuq ingħad, għax anki b'dik il-kundanna, huwa ma tilefx, fuq dawk uliedu li ma tirriferixxix għalihom dik il-kundanna, il-patrija potestà; imma jiddependi mid-diskrezzjoni tal-Qorti li tara liema huwa l-aħjar vantaġġ u nteress tat-tfal fiċ-ċirkustanzi tal-każ, jekk tawtorizzax lill-mara li tieħu magħha lill-uliedha, mingħajr ma tħalli li jipprevali s-sentiment umanitarju tal-missier, li ma jkunx jista' aktar jara l-uliedu.*

*Fil-każ preżenti, il-Qorti sabet li fil-vantaġġ u fl-interess tat-*

*tfal k'en il-każ li tippermetti lill-mara, li riedet temigra fl-Awstralja, li tieħu magħha lill-uliedha inattiża l-oppożizzjoni ta' żewġha.*

Konfermata fl-Appell b'sentenza tas-27 ta' Ġunju, 1958.

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, wara li jiġu mogħtija d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u meħud kwalunkwe provvediment opportun, peress li skond l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni l-kura tal-imsemmija żewġt itfal minuri tinsab affidata lill-konvenuta ommhom, li reċentement, non ostanti l-oppożizzjoni tal-attur, ġiet awtorizzata biex temigra magħha fl-Awstralja lill-istess żewġ uliedha minuri b'digriet numru 410/1958 mogħti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili (dok. A.); u peress li din l-awtorizzazzjoni hi leżiva għad-drittijiet tal-attur, li għadu jikkonserva d-drittijiet ta' patrija potestà fuq uliedu minuri, non ostanti li l-istess jinsabu fil-kura ta' ommhom, u inoltre ma huwa xejn fl-interess tal-istess minuri li jemigraw minn Malta; talab li, prevja d-dikjarazzjoni li, non ostanti kull akkordju rigward il-kura tat-tfal minuri segwit mill-kontendenti per mezz tal-kuntratt tas-separazzjoni, l-attur għadu jikkonserva integri d-drittijiet tal-patrija potestà fuq iż-żewġ uliedu minuri John u Giorġina aħwa Scicluna, jiġi revokat l-imsemmi digriet numru 410 tad-19 ta' April 1958 (dok. A), billi jiġi negat kull permess lill-konvenuta proprio et nomine li tieħu magħha fl-Awstralja lill-istess minuri; u dan sija minħabba l-oppożizzjoni tal-attur, li għadu jikkonserva d-drittijiet tiegħu ta' patrija potestà, kemm għaliex dan il-pass ma huwiex fl-interess tal-imsemmija minuri; b'fissazzjoni ta' kull provvediment dwar l-eventwali kura tal-istess minuri jekk u meta l-konvenuta ommhom tiġi biex temigra l-Awstralja. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' impediment tal-partenza tat-3 ta' Mejju 1958, kontra l-konvenuta, li tibqa' mħarrka għas-subizzjoni;

*Omissis:*

Ikkunsidrat;

Mill-att promotorju tal-kawża jidher li l-instanti qie-

għed jintakka d-digriet adeviż u favorevoli ta' din il-Qorti mogħti fil-Ġurisdizzjoni Volontarja Tagħha, u li jġib innumru 410/1958, fuq rikors tal-konvenuta proprio, minn fejn jidher li hija talbet li tkun awtorizzata tieħu magħha liż-żewġ uliedha minorenti John u Ġiorġina, aħwa Scicluna, tfal komuni tal-kontendenti, l-Awstralja, fejn hija sejra temigra, non ostanti li din l-awtorizzazzjoni ġiet lilha negata minn żewġha, li huwa legalment separat minnhom; liema revoka, promossa mill-instant, hija bażata fuq żewġ motivi, u ċjoè (1) li l-istess attur għad għandu rivestiti fih effikaċement *id-drittijiet relattivi għall-funzjonijiet ċivili* tal-"pater familias" fir-rispett tat-tfal in kwistjoni, (2) u li mhux fl-interess u vantaġġ tal-istess tfal imsemmija li jemigraw minn dawn il-Gżejjer;

Ikkunsidrat;

Illi, posta l-kwistjoni li l-kontendenti qegħdin jikkontendu dwarha bejniethom, jingħad qabel xejn illi:—

1. Bejn il-partijiet prinċipali ma hemmx kwistjoni li huma jinsabu mifrudin legalment bejniethom b'separazzjoni konsenswali kuntrattata fl-attijiet tan-Nutar Maurice Gambin tat-2 ta' *Diċembru 1957, minħabba raġunijiet* li jiġġustifikaw is-separazzjoni personali tagħhom, u li skond dak l-istess kuntratt il-kura tat-tfal in kwistjoni ġiet fdata lill-konvenuta prinċipali;

2. L-attur, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina, wara verdett unanimi, ġie fid-29 ta' Marzu 1955 kundannat, fuq akkuża ta' korruzzjoni tal-minorenni bintu Giuseppa, il-lum maġġjorenni, għall-piena ta' xogħol iebes għaż-żmien ta' sentejn u disgħa xhur, bid-dekadenza tal-patrija potestà (ara deċiżjoni kriminali "Ir-Reġina vs. Giuseppa Scicluna", tad-29 ta' Marzu 1955);

*3.* L-instanti *fid-dikjarazzjoni tiegħu (fol. 3 tal-proċess)* ippropona li, sabiex it-tfal "de quibus agitur" jibqgħu f'dawn l-Gżejjer taħt għajnejh, jiġu kollokati jew għand ommu, li qal li lesta biex teħodhom, jew anki, alternattivament, f'istitut;

4. Giuseppa Scicluna, it-tifla komuni tal-kontendenti, u li kienet il-vittima tad-delitt fuqha operat minn missierha, l-instanti, peress li dak il-fatt kellu riverberu psikoloġiku fuqha u qiegħed jiffrastorna'ha kwalunkwe okkażjoni ta' kollokament, sejra tmur ħdejn ħuha Paolo Scicluna, tifel komuni ieħor maġġjorenni tal-kontendenti, li jinsab stabbilit f'dak il-kontinent, b'mod li l-konvenuta sejra tibqa' weħedha biż-żewġt itfal minuri l-oħra, jekk ma jkunx lilha permess li tit'a' bit-tfal in kwistjoni, jew tissepara ruħha mit-tfal minuri biex tirraġġungi t-tfal maġġuri, li wieħed ġa qiegħed l-Awstralja, u l-oħra hija in proċinto li tmur tistabbilixxi ruħha hemmhekk;

Ikkunsidrat;

Illi, premessi dawn il-fattijiet, din il-Qorti sejra tgħaddi biex tinvesti u t'ddirimi l-kwistjoni inerenti għall-kawża odjerna;

Illi, meta l-liġi fil-kostanza taż-żwieġ tinvesti lill-missier bil-poter patern, tagħmlu sabiex fl-unjoni tal-konjuġi ma jsorġux il-quddiem kollużjonijiet li kienu tabilfors u neċessarjament jitnisslu kieku ssanzjonat awtoritajiet ugwali fiż-żewġ konjuġi fuq il-persuni suġġetti għal dik il-funzjoni potestattiva (drittijiet u dmirijiet tal-missier versu l-persuna u l-beni tal-persuna assoġġettata) li hija l-maġistratura ewlenija effikaċi l-aktar sagra li titnissel mill-patrija potestà. Dan il-ħsieb huwa rafforzat mill-istess liġi, li espressament ma tippermettix fluttwazzjonijiet dwar din il-potestà fil-konvenzjonijiet dwar din il-potestà (ara art. 1282 Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta, Edizzjoni Riveduta);

Jingħad, però, li l-istess liġi tissorvelja lill-missier fl-eżerċizzju ta' din il-potestà "de qua dicimus": il-għaliex ħafna mill-attijiet tagħha jridu jiġu approvati mill-Qorti (ara art. 156 157, 159(3), 160, 162, 163, 180, u 2124 tal-Kapitlu 23 tal-istess Liġijiet fuq imsemmija), fuq l-iskorta tal-liġi antika (vide De Rohan Liber. III, c.2), u tad-Dritt Intermedju (Numru 347 — Micallef);

Mhux lanqas affattu ożjuż li jiġi affermat li fill-liġi hemm maħsub li l-funzjoni ċivili tal-"pater familias" tista'

tiċċessa "ipso jure" (ara art. 176 Kap. 23), jew bl-ordni tal-Qorti (ara art. 68 u 180 tal-Kap. 23), jew bħala konsegwenza ta' sentenza kriminali in konnessjoni ma' delitti kontra l-ordni tal-familja (art. 205(5) u 218(2) Kapitlu 12);

Illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fill-liġi antika (li titkellem fuq l-edukazzjoni, terminu li ontoloġikament jimporta l-kura u l-amministrazzjoni tas-sustanzi tagħhom (ara De Rohan Lib. III, Capo II, paragrafo XXIV), sew fill-liġi viġenti (ara argument meħud mill-art. 68 Kap. 23), kif ukoll fil-ġurisprudenza estera (Annali della Giurisprudenza Italiana, Volume VII, P. II, p. 39, Appell Lucca 4 ta' Settembru 1872 in re Buoni utrinque), u f'dik lokali (ara Prim'Awla Ċivili 8 ta' Diċembru 1858, "Lawless utrinque", Vol. I, paġ. 180, kolonna sekonda (2da.) med.; Appell 26 ta' April 1867, "Camenzuli vs. Gatt", Volume IV, paġina 74, kolonna prima in fine; Prim'Awla Ċivili 28 ta' Jannar 1956 in re "John Cutajar vs. Amelia mart l-istess John Cutajar"; u ħafna oħra), hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilità u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal, li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu;

Illi, in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament (art. 68 Kap. 23), sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment (ara art. 71 u 72 Kap. 23); liema sentenza jew, skond il-każ, digriet, huma soġġetti għar-revoka jew modifika mill-istess tribunal li jkun ta s-sentenza jew ippronunzja d-digriet tal-awtorizzazzjoni, oltre dak li jingħad fl-art. 73 tal-Kap. 23; l-għaliex dak il-vantaġġ tat-tfal, meħuda in konsiderazzjoni l-koeffiċjenti u dati ta' fatt għall-epoka meta jinħolqu, jista' jitbiddel. Minn dan jitnissel li r-regolament dwar ir-ritenzjoni u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, li bejniethom ikun hemm dissensi fil-ħajja matrimonjali, ma tiddependix biss mill-eżerċizzju tal-patrija potestà tal-missier; jekk, non ostanti l-effikaċja ta' dik l-istess maġistratura tal-

"pater familias", il-Qorti tafda t-tfal lill-omm, għax hekk il-każ ikun għall-vantaġġ tagħhom jissuġġerixxi, dan il-fatt ma jkunx jimporta ebda attentat għal dik il-potestà tal-missier fuq id-dixxendenti immedjati tiegħu;

Illi minn dan jitnissel li d-dikjarazzjoni mitluba mill-attur ma hix affattu meħtieġa, l-għaliex waħda mill-kawżalijiet taċ-ċitazzjoni hija l-għaliex l-attur ikkonserva l-patrija potestà; u anki għar-raġuni li, non ostante li dik potestà tkun veljanti, din il-Qorti għandha tiddirimi l-kwistjoni nsorta fuq ir-rego'a enunċjata fuq, fil-korp ta' din is-sentenza, li għandha timpera "in subjecta materia";

Illi, għal kwalunkwe fini legali jingħad li, għalkemm din il-Qorti hija tal-fehma fuq espressa, il-konvenuta "in primis" eċċepiet li l-attur tilef il-patrija potestà (li hija waħda mill-kawżalijiet taċ-ċitazzjoni) skond l-art. 176 (d) tal-Kap. 23, u ċjoè ġiebet il-quddiem iċ-ċessazzjoni tal-patrija potestà "ipso jure", l-għaliex it-tfal, bil-kunsens ta' missierhom, telqu mid-dar tal-missier u marru jgħixu għal rashom; imma din il-kwerela hija bla bażi legali, l-għaliex il-liġi fid-dispost fuq imsemmi tikkontempla l-każ ta' tfal li jkunu ħarġu mid-dar tal-missier u jkunu, għalkemm suġġetti għal-l-patrija potestà, kapaċi jaqilgħu l-għajxien bil-ħila tagħhom;

Illi, qabel ma din il-Qorti tgħaddi sabiex teżamina u taqta' l-kwistjoni nsorta, tħoss li għandha tgħid li l-fatt li l-attur b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina tad-29 ta' Marzu 1955 ġie kundannat għall-korruzzjoni ta' bintu Giuseppa, bl-effett tad-dekadenza tal-patrija potestà, b'dik il-pronunzja esplikat ruħha ċ-ċessazzjoni ġuridika tad-drittijiet li kellu għall-kura, edukazzjoni u amministrazzjoni tas-sustanzi ta' dik l-istess bintu fuq menzjonata, u l-istess ma testendix ruħha ċertament ukoll għat-tfal li huma msemmija fil-kawża odjerna;

Dan qiegħed jiġi affermat l-għaliex fid-dottrina franċiża, in bażi għal-l-art. 335 para. 2 tal-Kodiċi Penali Franċiż, fejn jingħad li fl-attentati kontra l-morali kommessi mill-missier jew l-omm tal-vittima, dawn il-ġenituri hekk kolpevoli, oltre l-piena, ikunu wkoll privati mid-drittijiet u

vantaġġi lilhom akkordati fuq il-persuna u l-beni tat-tifel eżistenti *skond il-Kodiċi Ċivili taħt it-Titolu tal-Patrija* Potestà (ara Les Cinq Codes, Code Penale, art. 335, paġina 582 Edizzjoni Ledente, Paris 1819), dik id-dispożizzjoni ġiet varjament interpretata; issa bħala dekadenza assoluta u estensiva għat-tfal kollha (ara Duranton, Diritto Civile, *Tomo* III, *No.* 384; u *Touillier, Diritto Civile, Tomo* I, paġ. 492); u issa restrittiva għall-vittima biss (ara Carnot, Komment fuq l-art. 335 tal-Kodiċi Penali Franċiż; u Massè u Vergè in Zachariae, Diritto Civile, paġ. 377 u paġ. 373 fin-nota; u Demolombe, *Diritto Civile*, Tomo VI, paġ. 274);

Il-Kodiċi Penali Taljan, fl-art. 392, huwa aktar kategoriku. Del resto, bħal ma huwa anki l-Kodiċi Penali Tagħna fl-art. 205(5), fejn l-istess dekadenza hija komminata dwar l-eżerċizzju tal-patrija potestà fuq il-persuna u l-beni tad-dixxendenti li għad-dannu tiegħu (skond il-Kodiċi Penali Tagħha t-terminu huwa "li bi ħsara tiegħu" ikun sar ir-reat;

Illi, kwindi, l-interpretazzjoni *mogħtija* minn din il-Qorti għal dik il-konsegwenza tal-kundanna tal-attur hija, skond l-ittra tal-liġi, sana. Naraw, mela, jekk l-istess tmurx kontra l-liġi, u jekk biha huwiex qiegħed jiġi furzat l-ispirtu tal-Istatut imsemmi, kif jirritjeni l-aforiżma li "Non dubium est in *legem committere* eccem qui, verba *legis amplexus, contra legis nititur voluntatem*" (L. 5, c. de legib.);

Fil-ħsieb konsiderat ta' din il-Qorti, mhux biss il-kliem letterali tal-liġi jwasslu għal dik l-interpretazzjoni, imma anki l-ispirtu li janimaha. Infatti:—

1. In materja penali, id-dispożizzjonijiet tal-liġi ma jistgħux isofru nterpretazzjoni estensiva; kwindi, jekk l-ittra tal-liġi hija ċara, il-leġislatur fil-ħsieb tiegħu ma setgħax ħlief ried dak li hu esprima inekwivokament;

2. Il-prinċipju in tema kriminali tar-repressjoni jikkunsidra li l-individwu, kif jiġi maħluq bl-istinti u l-passjonijiet, jilledi l-ordni soċjali, u s-soċjetà tikkolpixxi dak l-individwu delinkwenti skond id-delitt li huwa jikkommetti,

u skond dak li jissejjaħ "l'allarme sociale" li d-delitt tiegħu jipproduċi u d-dannu dirett li jipprokura lis-suġġett passiv tar-reat; u l-piena li għandha tiġi applikata għandha tkun proporzjonata għal dawn il-konsiderandi li ntqalu fuq. Issa, meta missier, bħal fil-każ in diżamina, jindividwalizza s-suġġett passiv, huwa loġiku, naturali, u filosofikament korrett, li jingħad li di fronti għal dik il-persuna biss għandha tikkonkreta ruħha l-piena prinċipali u l-applikazzjoni tal-inkapaċità: sew l-għaliex il-vittima preventivament trid tiġi protetta fil-futur, sew l-għaliex di fronti għal dak is-suġġett l-awtur tad-delitt u tal-ġranet tal-vittima jkun irrenda ruħu indenn;

3. Dejjem mill-punto di vista tad-dritt punittiv, id-delinkwent għandu jirrispondi biss għall-azzjonijiet tiegħu antisoċjali, u mhux għall-intendiment jew attitudinijiet tiegħu; u kwindi fil-kamp tad-Dritt Kriminali — għad-differenza tad-Dritt Privat — huwa għandu jirrispondi għall-fatt konsumat bil-konsegwenzi voluti fil-liġi, u mhux għas-suppożizzjonijiet; b'mod li l-inkapaċità msemmija għandha tkun limitata għall-vittima, u mhux estiża għat-tfal kollha. Del resto, huwa risaput li mhux rari fil-ħajja l-każ li ġenitur brutali fil-konfronti ta' wieħed mill-ulied jista' jkun affettwuż u premurus daqs il-"pater familias" li trid il-liġi, u li jimponu l-vinkoli tad-demm, fil-konfronti ta' tfal oħra minnu mnisslin; u jekk tiġi, fl-ipotesi sottomessa, estiża l-inkapaċità, dik il-konsegwenza ħarxa tasal biex tipproduċi inġustament deni lil dawk li ma jkollhom ebda tort (uliedu l-oħra barra l-vittima), u jiġri dak li komunement jissejjaħ li r-rimedju jkun agħar mid-deni effettiv u materjali;

Ikkunsidrat;

Illi, żgumbrat it-terren mid-diffikultajiet li setgħu jqumu, din il-Qorti sejra tgħaddi biex taqta', fuq l-iskorta ta' dak li ntqal fuq, in kwantu li huwa applikabbli għal dak li sejjer jingħad aktar tard, il-kwistjoni jekk huwiex jew le interess u vantaġġ tal-minuri in diskussjoni li jiġu ritirati minn taħt il-kura tal-konvenuta li sejra temigra, u kollokati għand omm l-attur, jew, se maj, f'istitut;

Illi, wara li din il-Qorti ħasbet ħafna fuq din il-kwistjoni, tħoss li mhux ta' nteress u vantaġġ tat-tfal in kwistjoni li jiġu separati mill-omm; għar-raġunijiet segwenti:—

(a) Li meta saret il-firda konsenswali bejn il-kontendenti l-attur aderixxa li l-minuri jibqgħu mal-omm. Dan għandu jiġi preżunt li għamlu, fl-assenza ta' provi "in contrario", tant l-għaliex ma kellu xi jgħid xejn dwar il-kondotta tagħha, kemm l-għaliex ħass li dak kien l-interess u l-vantaġġ tagħhom;

(b) Li, viżwalizzata l-ħajja futura tat-tfal fid-dawl taċ-ċirkustanzi attwali u futuri tal-pajjiż fejn qegħdin ngħixu, huwa aħjar għalihom li jmorru fil-kontinent fejn sejra tgħix ommhom, biex jakklimatizzaw ruħhom għal dak l-ambjent qabel ma jaslu għall-età li jkunu jistgħu jaqilgħu l-ħobż ta' kulljum tagħhom. Infatti, dawn il-Gżejjer joffru ftit futur għan-nies tal-klassi soċjali li għaliha jappartjenu t-tfal in kwistjoni, biex ma jingħadx b'mod assolut għall-klassijiet kollha indistintament;

(ċ) Li huwa aħjar għat-tfal in kwistjoni li jirrijunixxu ruħhom ma' membri oħra intimi tal-familja tagħhom fl-esteru, anzikkè jiġu kollokati f'istitut hawn Malta bil-privazzjoni taż-żewġ ġenituri, minħabba l-inkomprensjoni bejniethom;

(d) Li l-kollokament tal-istess tfal għand omm l-attur, rigwardata mill-punto di vista umanitarju, jimporta firda miż-żewġ ġenituri tagħhom anzikkè minn wieħed minnhom, u hemm il-perikolu li psikoloġikament jista' jkollha effett malefiku fuq il-karattru tat-tfal, waqt il-formazzjoni tiegħu, l-għaliex tista' tiġi timprimi fihom sens, jekk mhux ta' punizzjoni bla tort, ċertament allużjoni qabel il-waqt tal-ħruxija tal-ħajja li neċessarjament tolqot lil ħafna nies minħabba l-imperfezzjoni tal-bniedem, u li, peress li huma mhumiex maturi biżżejjed biex jiskavalkaw dak il-"male necessario", tista' tirvinalhom l-"outlook of life";

(e) Li għalkemm fl-isfera tal-kamp kriminali d-delitt tal-attur fil-konfronti ta' bintu Giuseppa Scicluna

bħala repressjoni ma għandux ikollu ebda rifless fuq it-tfal l-oħra fil-kamp tad-dritt ċivili, eppure bħala prevenzjoni, in vista tal-istinti u nklinazzjonijiet brutali ta' l-attur, ma jistgħax jiġi injorat. Dan apparti l-fatt li dik l-istess kundanna, kif influwiet psikoloġikament fuq il-vittima innoċenti fuq imsemmija, tista' jew hija fil-possibbiltà li tkun ta' gravami fl-istess sens, jekk mhux anki materjalment, fil-konfronti tal-minuri in kwistjoni fil-futur, meta bniedem jieħu in konsiderazzjoni r-ristrettezza tal-ambjent tagħna — dak li huwa f'miżura ferm anqas possibbli u probabbli f'ambjenti kbar, bħal ma huwa l-kontinent awstraljan;

(f) Li t-tfal it-tnejn iddikjaraw li jixtiequ jmorru ma' ommhom;

Ikkunsidrat;

Illi jista' jingħad li, jekk id-digriet attakkat ikun mantenut, l-attur ma jkunx jista' jara aktar lill-uliedu. Dan l-argument, li din il-Qorti tħoss ħafna u ntensament, huwa pjuttost ta' karattru umanitarju milli ġuridiku. Joffri ruħu, però, għal diversi attakki. Infatti, fejn żewġ drittijiet individwali kontrapposti huma koinvolti, li l-eżerċizzju tagħhom jimporta neċessarjament ħruxija jew lill-parti l-waħda jew lill-parti l-oħra, ir-raġuni legali għandha tipprevali għas-sentimenti fil-menti tal-ġurista. L-akkoljiment tar-revoka tad-digriet, fl-isfera in parola, ikun jimporta fil-konfronti tal-konvenuta prinċipali viżitazzjoni ta' sofferenzi f'miżura aqwa mill-manteniment tiegħu fil-konfronti tal-attur; l-għaliex it-tfal in kwistjoni sa issa dejjem għexu magħha, u, dak li huwa aktar importanti, l-istess tfal b'hekk ma humiex sejrin isofru ebda mutament u kambjament ta' indirizz fil-ħajja u fl-ambjent familjari, bħal ma kien ikollhom isofru jekk id-digriet in kwistjoni ma jkunx mantenut. Kif ippropona li għandu jsir l-attur, ċjoè li t-tfal jiġu kollokati għand ommu jew f'xi istitut lokali, sejrin jiġu viżitati b'sofferenzi tant l-omm kemm l-istess tfal, mentri l-instanti ma huwa sejjer ikollu ebda ġjovament intimu u familjari. Jekk verament il-ġenituri tat-tfal in kwistjoni jħossu dik l-affezzjoni għal uliedhom li potentement in-natura u d-demm għandhom jissuġġerulhom għandhom jifhmu li, taħt id-dati u koeffiċjenti ta'

fatt li jittrasparu evidenti *mill-provi*, xi wieħed minnhom irid ikun sagrifikat, meta l-vantaġġ u l-interess tal-esseri tagħhom hekk ikun jirreklama;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiddikjara li mhix meħtieġa d-dikjarazzjoni mitluba, u li r-regola li għandha sovranament timpera fil-provvedimenti tal-kura u edukazzjoni tat-tfal meta jkun hemm dissens bejn il-ġenituri hija l-utilità u l-vantaġġ tagħhom, anki meta tkun veljanti l-patrija potestà; tiċħad l-eċċezzjoni konvenuta bażata fuq l-art. 176(d) tal-Kodiċi Ċivili; u fl-aħħarnett tiċħad it-talba attriċi u tmantni in vigore d-digriet attakkat;

L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-attur, barra minn dawk tal-eċċezzjoni konvenuta miċħuda, li għandhom jibqgħu għall-istess konvenuta.